MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2009

Avviz Numru. 144/2008

**Fl-atti ta’ l-ittra ufficjali fl-ismijiet:**

**Windsor Compay Limited (C-2322)**

**vs**

**Sovereign Hotels Limited (C-10538)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat il-11 ta’ Marzu tas-sena 2008, li permezz tieghu is-socjeta` rikorrenti Sovereign Hotels Limited, wara li esponiet il-posizzjoni taghha fir-rigward, talbet lil din il-qorti biex tordna s-sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni tal-kambjali meritu ta’ l-istess rikors;

Rat il-verbal tat-22 t’April tas-sena 2008, li permezz tieghu ddikjarat li l-procedura odjerna hija limitata biss fuq il-fatt

jekk ghandux ikun hemm sospensjoni ta’ l-esekuzzjoni mitluba minhabba ragunijiet serji u gravi;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat ir-risposta tas-socjeta` intimata Windsor Company Limited;

Rat il-verbal datat is-27 ta’ Mejju tas-sena 2008, li permezz tieghu l-partijiet qabblu li jittrattaw l-ewwel eccezzjoni preliminari senjatament dik rigward il-kompetenza tal-qorti;

Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentant legali tas-socjeta` Windsor Company Limited;

Tirrileva li ghalkemm ir-rapprezentant legali tas-socjeta` Sovereign Hotels Limited kellu l-opportunita` li jipprezenta t-trattazzjoni orali tieghu anke wara talba tieghu appozita biex ikun jista’ jaghmel dan bil-kumdita`, dan baqa’ inadempjenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-procedura odjerna tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi permezz ta’ ittra ufficjali datata t-18 ta’ Frar tas-sena 2008, is-socjeta` Windsor Company Limited talbet lis-socjeta` Sovereign Hotels Limited biex thallasha l-ammont ta’ disgha u ghoxrin elf, seba’ mija u hames Ewro u ghaxar centezmi, (€29,705.10), kambjali regolarment iffirmati skond il-ligi;

2. Illi l-imsemmija ittra ufficjali giet debitament ipprezentata fir-registru tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, (ara fol 4);

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza odjerna kif indirizzata mis-socjeta` Sovereign Hotels Limited tista’ tigi sintetikament kompilata bil-mod segwenti:

1. Illi din l-imsemmija socjeta’ indikata fil-paragrafu precedenti tikkonferma li giet notifikata bl-ittra ufficjali datata t-18 ta’ Frar tas-sena 2008, fuq indikata;

2. Illi fit-tieni paragrafu taghha l-istess socjeta` tikkonferma li l-ammont involut hu dak indikat fl-ittra ufficjali fuq riferita;

3. Illi pero’ fl-istess linja argumentattiva taghha tkompli ssostni minghajr l-ebda skoss argumentattiv li l-Qorti “kompetenti sabiex tiehu konjizzjoni ta’ rikors ipprezentant a tenur tal-artikolu 253 (e) tal-Kap 12 hija din l-Onorabbli Qorti”;

Ikkunsidrat:

Illi din hi decizjoni preliminari rigwardanti dak sollevat mis-socjeta` Windsor Company Limited senjatament li din il-qorti m’ghandhiex gursidizzjoni tisma’ u tiddeciedi dan il-kaz ratione valoris;

Ikkunsidrat:

Illi l-vertenza originali tirrigwarda l-ittra ufficjali tat-18 ta’ Frar tas-sena 2008, (ara fol 4);

Illi hemm jidher abbundantement car li l-ammont pretiz hu dak ta’ disa’ u ghoxrin elf, seba’ mija u hames Ewro u ghaxar centezmi, (€29,705,10);

Illi fit-termini ta’ l-artikolu 253(e) tal-Kap 12 et sequitur dan l-ammont jissupera l-limitu gurisdizzjonali li tieghu din il-qorti hi kompetenti li tisma’ u tiggudika, u li hi tenuta mill-istess artikolu li tezamina u timxi fuqu;

Illi hi pretensjoni artificjali li wiehed jippretendi li jispezzetta l-ammont dovut a pjacir tieghu u din il-qorti tqis

li tali attitudni hi intiza biss li tipprolunga l-esekuzzjoni finali billi tuza l-procedura legali illegittimament ghal dan il-ghan;

Ikkunsidrat:

Illi l-valur meritu ta’ l-ittra ufficjali hu lil hemm mill-limitu permess u ghalhekk filwaqt li din il-qorti takkolji l-eccezzjoni preliminari enumerata numru tlieta (3) fir-risposta tas-socjeta` intimata Windsor Company Limited, tirrespingi t-talbiet tas-socjeta rikorrenti Sovereign Hotels Limited, bl-ispejjez.

**< Digriet >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------